Milied 2007
Nru 58

# VOX FRATRUM

Holqa bejn is-Saċerdoti Għawdxin Imsefrin

In this issue:

| | |
|---|---|
| Supporting priests and vocations | 1 |
| Well-Balanced future priests | 2 |
| Assistant Segretarju tal Q.T il Papa | 2 |
| Messagg ta' Mons. Isqof | 3 |
| Mil-laqgħat li kellna | 4 |
| Fid-dawl taż-żjara fil-Brazil | 5 |
| San Ġorġ Preca fil-Gwatemala | 6 |
| Is-sejħa lill-kleru Għawdxi | 7 |

## SUPPORTING PRIESTS AND VOCATIONS

*(P. Benedict XVI to the Bishops' Conference of Puerto Rico, 30 June 2007).*

Priests constitute a sector that demands your prime pastoral attention. They are in the front line of evangelization and are especially in need of your care and personal closeness. Your relationship with them must not be merely institutional. Rather, as your true sons, friends and brothers, it should be inspired above all by love as an expression of episcopal fatherhood. . . .

Priests, for their part, must remember that they are first and foremost men of God. Thus, they must nurture their own spiritual life and their continuing formation.

All their ministerial work *"must begin effectively with prayer"* as St Albert the Great said. Every priest must find in this encounter with God the strength to exercise his ministry with greater devotion and dedication, setting an example of availability and detachment from all that is superfluous.

In thinking of future candidates to the priesthood and consecrated life, it is necessary to highlight the importance of ceaseless prayer to the Lord of the Harvest *(cf. Mt 9, 38),* so that he will give many and holy vocations to the Church, especially in the present situation in which young people often find it difficult to respond to the Lord's call to the priestly or consecrated life.

Therefore, you should develop a specific vocations apostolate which will encourage those in charge of the pastoral care of youth to be daring mediators of the Lord's call.

Above all, you should not be afraid to suggest his call to young men and subsequently accompany them with assiduous care in both the human and spiritual environments, so that they may ever more clearly discern their vocational decision.

With regard to the formation of candidates to the priesthood, the Bishop must take the greatest pains to choose the most suitable and best qualified educators for this role.

# WELL-BALANCED FUTURE PRIESTS

(*P. Benedict XVI to the Bishops' Conference of the Central African Republic, 1 June 2007)*



The formation of candidates for the priesthood acquires an importance that cannot be underestimated in order to give the Church the priests she needs. It is more necessary than ever to be demanding as regards their human and spiritual formation. Indeed, since priests are called to bear heavy responsibilities in the exercise of their ministry, a whole range of qualities must be required of candidates to enable them to acquire a true discipline of priestly life.

You must be particularly watchful in order to ascertain the emotional balance of seminarians and to form their sensibility, in order to be sure of their aptitude to live the demands of priestly celibacy. This human formation must find all its meaning in a sound spiritual formation, for it is indispensable that the priest's life and activity be rooted in a living faith in Jesus Christ.

A sufficient number of competent formation teachers and spiritual directors to guide candidates to the priesthood is therefore a pastoral priority for Bishops so that an authentic discernment can be made.

I would also like to tell your young people that there is great joy to be found in responding generously to the Lord's call to follow him in order to proclaim the Gospel.

# ASSISTENT SEGRETARJU TAL-Q.T. IL-PAPA



L-aħbar li **Mons. Alfred Xuereb** (Victoria) kien se jingħata dan l-inkarigu bdiet tixtered f'nofs Lulju li għadda u fil-fatt seħħet fit-tieni ġimgħa ta' Settembru wara r-ritorn miż-żjara li l-Papa għamel fl-Awstrija.

Mons Xuereb kien ilu jservi f'diversi postijiet Ruma mill-1984, iżda fl-aħħar 12-il sena huwa kien mitlub joffri s-servizz tiegħu fil-Vatikan f'kemm-il ufficcju, anki f'dak tas-Segreterija ta' l-Istat.



Din il-ħidma ġdida ta' assistant segretarju qed tpoġġi lil Mons. Xuereb eqreb lejn il-Papa għax issa beda jagħmel parti mill-personell li jgħix fil-Palazz Appostoliku, għall-qadi meħtieġ fit-tmexxija ta' l-uffiċċju privat tal-Papa u miegħu jaqsam ħin twil tal-ġurnata u jakkompanjah fil-vjaġġi tiegħu.

Min-naħa tagħna nifirħu lil Mons. Xuereb f'din il-ħatra tant importanti u li titlob ċerta responsabiltà minnu. Din tkompli tixhed dehra ta' prestiġju li l-kleru għawdxi jibqa' jgawdi fil-ministeru tiegħu barra minn pajjiżna. Niftakru fih fit-talb tagħna biex il-Mulej imexxih dejjem fis-servizz li joffri lill-Vigarju tiegħu fuq l-art.

Sadattant Mons. Xuereb għoġbu jgħarrafna li "l-laqgħat tas-saċerdoti u s-seminaristi Għawdxin li jinsabu Ruma qed isiru għand is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù ta' *Via Iberia* u nżammet l-ewwel laqgħa fit-28 ta' Ottubru" wara li għal snin twal kienet issir fil-parroċċa ta' Sant'Injazju fejn kien kappillan Mons. Ġużepp Attard.

# MESSAĠĠ TA' MONS. ISQOF



Dan l-aħħar kelli ġrajja kommoventi li ġagħlitni naħseb. Wieħed minn sħabna s-saċerdoti qalli li ltaqa' ma' persuna li tatu offerta biex "joffri" s-sagrifiċċju ta' l-Ewkaristija għall-bżonnijiet ta' saċerdot ieħor li huwa mpenjat fil-pastorali u jidher li għandu ċerti sfidi.

Kont naf li hemm nies li jitolbu għalina, imma qatt ma għaddieli minn moħħi li hemm min isostnina billi jagħti elemożina biex tiġi ċċelebrata l-quddiesa għalina!

Dan mhux l-uniku sinjal li jixhed kemm il-poplu t'Alla jħobbna u jixtieq saċerdoti skond il-qalb ta' Kristu. Għadna kif temmejna x-xahar ta' Ottubru ddedikat għall-missjoni. Ċertament dawk fostkom li qegħdin iservu l-Knisja missjunarja jikkonfermaw kemm Għawdex hawn persuni li jsostnuhom spiritwalment u materjalment.

Quddiem dan kollu jien rrodd ħajr lil Alla talli pprovdilna sinjali bħal dawn, imma fl-istess ħin inħoss tagħfas fuqi r-responsabiltà li nkun saċerdot tassew quddiem Alla, il-Knisja u d-dinja.

Meta dan l-aħħar għamilt il-funeral ta' Mons. D. Franġisk Azzopardi, li kien il-ħmistax-il saċerdot li miet f'dawn is-sentejn li ilni isqof, fl-omelija għidt li s-saċerdoti huma "anġli" li Alla jipprovdi lill-poplu tiegħu llum. Kif l-anġli huma dawk li jgħixu kontinwament fil-preżenza t'Alla u jippruvaw jikxfu l-wiċċ moħbi t'Alla għalina, din hija s-sejħa tagħna s-saċerdoti.

Imma biex inwettqu dan il-għan, għandna bżonn mhux biss it-talb tan-nies, imma fuq kollox li aħna nkunu bnedmin ta' talb. Billi skond il-pjan pastorali għad-djoċesi tagħna din is-sena qed nagħmlu l-proposta biex "inkunu ħbieb ta' l-Evanġelju", inħeġġeġ u nagħmel kuraġġ lil ħutna saċerdoti kollha biex it-talb tagħna jkun imdawwal u mibni fuq il-Kelma t'Alla.

Meta ngħixu dan l-ispirtu, joktor in-numru ta' dawk li joffru l-quddiesa għalina kemm meta għadna attivi fil-ministeru kif ukoll wara mewtna. Nispiċċa billi nfakkar fid-dmir li għandna li noffru talb b'suffraġju ta' ħutna s-saċerdoti mejtin. Fid-djoċesi għandna s-*Solidalità ta' San Filippu Neri* li l-għan tagħha huwa propju li jsir dan it-talb u nixtieq nara lis-saċerdoti kollha miktuba fiha.

Nawgura l-Milied it-Tajjeb u Sena Ġdida mimlija bil-barka tal-Mulej lil kulħadd.

+ Mario Grech,

Isqof t'Għawdex

# MIL-LAQGĦAT LI KELLNA





Bħas-snin l-imgħoddija saru żewġ laqgħat mas-saċerdoti u reliġjużi msefrin li ġew fostna barra l-konċelebrazzjoni organizzata fil-knisja ta' Marsalforn u mmexxija minn Mons. Isqof Grech fit-8 ta' Awwissu għal dawk ġejjin minn artijiet tat-tielet dinja. B'kollox rappreżentanza minn 11-il pajjiż differenti.

F'dawn il-laqgħat issemmiet lista twila ta' punti, bħal per eżempju: tnaqqis f'dawk li jistqarru l-fidi, il-ħtieġa urġenti ta' iktar xhieda nisranija, il-preżenza qawwija ta' nsara protestanti, il-qawmien fil-vokazzjonijiet lokali, l-għajnuna tal-katekisti b'formazzjoni kontinwa li tingħatalhom, il-kura lill-morda, faċilitajiet mediċi fi kliniċi tal-Knisja, l-edukazzjoni tat-tfal minn kmieni, il-kura ta' l-emarġinati u daqstant ieħor ta' l-għaqdiet reliġjużi.

Iktar tagħrif pastorali kien jirrigwarda l-attendenza għall-quddies tal-Ħdud, it-tnaqqis fl-għadd ta' tfal għall-ewwel tqarbina, il-kultura nisranija fl-edukazzjoni universitarja, id-diskriminazzjoni lejn l-insara f'minoranza, ir-rwol ta' l-iskejjel kattolċi, in-nuqqas ta' kleru lokali, iż-żieda ta' saċerdoti asjatiċi fl-Ewropa u min-naħa l-oħra l-formazzjoni seminaristika bil-problemi estremi tagħha.

Il-viżjoni kienet waħda varja u kompliet tintwera b'iktar aspetti pastorali bħalma hi l-ħtieġa taż-żjajjar fil-familji, it-talb u d-djalogu fi gruppi, l-integrazzjoni ta' komunitajiet barranin, l-għajnuna lis-seminaristi u saċerdoti għawdxin imsefrin, laqgħat bejn dawk li jkunu bogħod minn art twelidhom.

Kienu diversi l-mumenti li fihom interviena Mons. Isqof Grech fejn mhux biss wera l-apprezzament tiegħu għall-impenn ta' dawk li "qed jagħtu nifs safi lill-bxara tal-Vanġelu f'artijiet oħra", imma stieden biex jibqgħu "jipparteċipaw fil-ħajja tad-djoċesi tagħna bl-istess esperjenzi li tgħixu u taqsmu magħna". Staqsa: "x'tixtiequ taraw aħjar f'pajjiżna fid-dawl ta' l-esperjenzi tagħkom, għax ilkoll għandna messaġġ wieħed għalkemm b'apostolat daqshekk varju".

Mistoqsi, fost affarijiet oħra, x'*policy* se tibqa' taddatta d-djoċesi tagħna rigward is-safar tas-saċerdoti, Mons. Isqof wera li għandhom jibqgħu jmorru s-safar anki jekk l-età medja tal-kleru Għawdxi issa hija ta' madwar 65 sena. Wera wkoll kemm hu importanti li dawk li jsiefru jkunu qed iwettqu pastorali bħala mibgħutin minnu, kif aċċenna li għamel fil-każ taż-żewġ saċerdoti ordnati dis-sena.

Għall-osservazzjoni li saret dwar x'forma ta' ftehim qed ikun hemm mad-djoċesi li tirċievi, intqal li f'dawn l-aħħar snin żdiedu t-tħejjijiet minn ġos-seminarju b'kuntatti meħtieġa kemm għas-sena intermedjarja kif ukoll x'linja l-aħjar wieħed jieħu għas-safar tiegħu wara l-ordinazzjoni.

B'referenza għall-pastorali mal-familja, Mons. Isqof fisser li biex issir katekeżi biblika mħejjija tajjeb, il-pjan pastorali għal dis-sena ħaseb biex tingħata iktar attenzjoni lill-ministeri tal-lajċi bit-twaqqif ta' "skola" bil-għan li qabel kollox isservi għall-istess formazzjoni tagħhom b'korsijiet fl-oqsma tal-kateketika, liturġija, djakonija u l-familja. Anki hawn is-saċerdoti msefrin jistgħu joffru l-ideat tagħhom dwar din l-attività minn dak li qed isir barra.

Ma naqasx li jaċċenna għall-influss ta' l-immigranti musulmani fl-Ewropa u anki fostna, u għad-dmir tagħna li bħala nsara nagħrfu kif nittrattaw magħhom bħala komunità li qed tiżdied u titħallat magħna.

Mill-ġdid Mons. Isqof irringrazzja lil dawk preżenti u wiegħed l-għajnuna tiegħu waqt li ħeġġiġhom biex jibqa' sħiħ il-kuntatt tagħhom mad-djoċesi, b'kull xorta ta' mezz ta' komunikazzjoni.

# FID-DAWL TAŻ-ŻJARA TAL-PAPA FIL-BRAŻIL

Bħalma Ġunju, għalina gżira ċkejkna, kien xahar partikulari bil-kanonizzazzjoni ta' l-ewwel qaddis Malti, San Ġorġ Preca, hekk ukoll kien Mejju għall-Brażil bl-ewwel qaddis indiġenu, San Antonio Galvao, reliġjuż franġiskan li miet fl-1822. Iżda ż-żjara tal-Papa Benedittu XVI serviet għal iktar minn hekk. Ħadna din l-okkażjoni biex ikollna iktar tagħrif mingħand **Mons. Ġużeppi Agius** (Munxar) waqt li kien fostna dan is-sajf.

**M. Il-Papa l-ewwel ma ndirizza kien lill-President Brażiljan fejn fakkar il-valuri nsara sa mill-imgħoddi, anki dwar il-ħajja. X'inhi l-konvinzjoni dwar l-abort fl-ambjent fejn tinsab?**

**T.** Mhux biss fejn ninsab jien, iżda fil-Brażil kollu kemm hu, hawn rispett kbir lejn il-ħajja. L-abort hu meqjus bħala att kriminali kiefer, l-aktar għaliex il-*fetus* ma jistax jiddefendi ruħu u l-omm ma għandhiex dritt fuq ħajjet ħaddieħor.



**M. Fil-laqgħa maż-żgħażagħ il-Papa ħeġġiġhom biex jagħtu xhieda bħala dixxipli u missjunarji ta' Kristu. Fiex tinħass l-ikta dix-xhieda żagħżugħa fil-parroċċa tiegħek?**

**T.** Is-suġġett prinċipali tal-Ħames Assemblea tal-Konferenza Episkopali ta' l-Amerka Latina kien jinkludi wkoll din is-sejħa għaż-żgħażagħ kollha. Din ix-xhieda nisranija nħeġġuhom biex jagħtuha fil-post ta' l-istudju, tad-divertiment u tax-xogħol. Għandi tama li hekk qed jagħmlu.

**M. Fl-istess messaġġ liż-żgħażagħ il-Papa saħaq fuq l-għożża tal-familja. Tinħass xejn l-għaqda tal-familja fi ħdan il-komunità tiegħek?**

**T.** Minkejja l-ideoloġiji foloz ta' żminijietna, il-familja brażiljana għadha magħquda. Nieħu gost nattendi għal-laqgħat tal-familji li jsiru fl-aħħar tas-sena u li jibdew dejjem b'xi ċelebrazzjoni reliġjuża. Ġie li f'laqgħa familjari jkunu preżenti 200 jew 300 persuna.

*"Wara l-kriżi li ħakmitna sa ftit ta' snin ilu, issa l-vokazzjonijiet qed jerġgħu jistejqru u s-seminarji qegħdin jimtlew."*

**M. Il-Papa għadda parti miż-żjara tiegħu f'monasteru benedittin u ma naqasx jagħmel sejħa għall-ħajja kkonsagrata. X'tgħidilna dwar il-vokazzjonijiet?**

**T.** Wara l-kriżi li ħakmitna sa ftit ta' snin ilu, issa l-vokazzjonijiet qed jerġgħu jistejqru u s-seminarji qegħdin jimtlew. Iżda hemm bżonn li jkun hemm dixxerniment akbar dwar l-għażla tal-kandidati għas-seminarju għax mhux dejjem ikunu ġenwini.

**M. F'Campo de Marte l-Papa kkanonizza l-ewwel qaddis Brażiljan li bħala reliġjuż wettaq appostolat ta' kull xorta, anki karità mal-foqra. Kemm hi meħtieġa llum il-ħidma tal-promozzjoni umana?**

**T.** Sintendi kien l-ewwel qaddis imwieled il-Brażil għax hawn qaddisin Brażiljani oħra li kienu twieldu l-Ewropa. Hawn ma tantx ninsistu fuq karità fis-sens li tagħti loqma ħobż lil min hu fqir illum biex għada jerġa' jkun bil-ġuħ. Ninsistu iktar fuq il-promozzjoni tal-persuna biex titgħallem toħroġ mill-qagħda tagħha bis-saħħa tagħha stess u tal-għajnuna ta' l-oħrajn.



**M. Il-Papa ndirizza wkoll lill-Isqfijiet li fil-pajjiż ilaħħqu madwar 430 fi 17-il reġjun u barra mill-ħtieġa mill-fedeltà sħiħa lejn il-Maġisteru Petrin, ħeġġiġhom ukoll fil-ħidma favur l-ekumeniżmu. Jinħassu xejn il-firdiet fi ħdan l-insara lokali?**

**T.** Il-firdiet li hawn fost l-insara huma l-aktar tas-setet pentekostali li jiġu mill-Istati Uniti jew influwenzati mid-dollari amerikani.

**M. Il-Papa fetaħ il-ħames konferenza ta' l-Isqfijiet ta' l-Amerka Latina u tal-Karibew bit-tema "Il-Kontinent tat-Tama". X'inhi l-ħarsa tagħkom għall-ġejjieni fil-parroċċa tiegħek?**

**T.** Għandna ġejjieni sabiħ għall-evanġelizzazzjoni. Fuq livell djoċesan qed inwettqu proġett kbir ta' "Missjoni Popolari". Fil-parroċċa rnexxieli nrawwam 250 lajċi bħala missjunarji li jmorru jżuru dar dar, darba fix-xahar, biex jitkellmu fuq il-Bibbja u jagħtu tagħrif dwar l-attivitajiet tal-parroċċa.

# SAN ĠORĠ PRECA FIL-GWATEMALA

"Il-kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca nhar it-3 ta' Ġunju stajna narawha fuq it-televiżjoni fis-2.00 ta' filgħodu minħabba li ninsabu 8 sigħat warajkom". B'dan it-tagħrif **Dun Ġużepp Camilleri** (Xewkija) xtaq ikompli jgħarrafna kif approfitta mill-okkażjoni biex jiddedika kappella ġdida għad unur ta' l-ewwel qaddis Malti barra minn pajjiżna. Huwa żied ukoll purċissjoni b'inkwadru kbir ta' San Ġorġ Preca msieħba b'kant bil-latin li kiteb il-qaddis fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija. Min jaf hux l-ewwel pass biex tixxettel din l-għaqda għat-tixrid tat-tagħlim fil-Gwatemala wkoll?

F'dawn l-aħħar xhur Dun Ġużepp żammna nfurmati wkoll dwar l-isptar "San Ġwann Battista" li bena fil-parroċċa tiegħu b'100 sodda, l-iktar għall-familji fqar. Huwa esprima kif din "il-ħolma llum saret realtà. Fadal ħafna xi jsir u neħtieġ wisq affarijiet sabiex dan l-isptar ikompli jwettaq ħidma favur is-saħħa u jinżamm tajjeb. L-għajnuna ta' tant benefatturi Maltin u Għawdxin qatt ma ġiet nieqsa".

Wara preżenza ta' 15-il sena fil-Gwatemala, Dun Ġużepp jistqarr li "numerikament il-Knisja Kattolika qed dejjem tikber b'iktar vokazzjonijiet għalkemm il-faqar qed iħalli warajh ħsarat kbar u jweġġa' ħafna lil min tiġih din ix-xorti ħażina. Barra minn hekk tinħass firda kbira bejn il-ħafna reliġjonijiet l-oħra, speċjalment bl-infiltrazzjoni tal-protestantiżmu u ħafna setet differenti".

# IS-SEJĦA LILL-KLERU GĦAWDXI

Bħalma Ġunju, għalina gżira ċkejkna, kien xahar partikulari bil-kanonizzazzjoni ta' l-ewwel qaddis Malti, San Ġorġ Preca, hekk ukoll kien Mejju għall-Brażil bl Il-pjan pastorali għad-djoċesi għawdxija għal dis-sena jikkonċentra fuq l-istedina li għaddielna il-Q.T. il-Papa Benedittu XVI dak inhar tal-kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca biex "Inkunu Ħbieb tal-Vanġelu". Il-kleru kollu mhux se jħossu barrani għal din il-ħbiberija billi skond il-programm ta' appuntamenti għas-saċerdoti għall-2007-2008 qed ikollu stedina kull xahar għall-hekk imsejjaħ Grupp Saċerdoti Spiritwalità San Ġorġ Preca, li żgur iservi ta' għajnuna anki fil-qasam pastorali għal żmienna.

Dan jintegra ħafna mat-tema tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet li se jsir f'Ottubru 2008 u li se jittratta dwar "Il-Kelma ta' Alla fil-Ħajja u l-Missjoni tal-Knisja".

L-istess programm għall-Kleru Għawdxi jinkludi żewġ laqgħat tal-*Lectio Divina* għal kull waħda mill-erba' żoni. Dawn barra żewġ okkażjonijiet ta' nofs ta' nhar ta' spiritwalità fil-bidu ta' l-Avvent u tar-Randan flimkien maż-żewġ korsijiet ta' irtiri li jsiru f'Settembru u Novembru.

Jissoktaw in-nofs ta' nhar ta' formazzjoni teoloġika għal kull żona, u dan barra mil-laqgħat regolari li jsiru fi gruppi oħrajn fejn jiġi diskuss il-każ morali. Il-Kunsill Presbiterali huwa organu ieħor djoċesan li jirrappreżenta il-kleru kollu u li f'ismu jiddiskuti diversi proposti biex jiġu attwati fil-pastorali.

Laqgħat oħra miftuħa għall-kleru kollu jvarjaw, hekk per eżempju l-quddiesa għas-saċerdoti mejtin f'Novembru, il-laqgħa għall-predikaturi ta' l-eżerċizzi tar-Randan f'Jannar, l-adorazzjoni f'jum il-qdusija tas-saċerdoti f'Mejju, u l-quddiesa fl-anniversarju ta' Dun Mikiel Attard f'Lulju. Ma dawn wieħed iżid il-laqgħat ta' fraternità saċerdotali f'għeluq snin l-isqfijiet tagħna, fi Frar u f'Marzu.

Stediniet oħra li jikkomplimentaw tajjeb ma' dawn kollha huma l-ikla tal-Milied, dik ta' nhar Ħamis ix-Xirka u laqgħa soċjali oħra f'Lulju fiċ-Ċentru tar-Ragħaj it-Tajjeb.

Programm dettaljat tqassam f'Ottubru mill-Uffiċċju Kleru waqt l-ewwel stedina fejn ġie mfisser aħjar il-pjan pastorali djoċesan b'messaġġ mill-E. T. Mons. Isqof M. Grech fejn spjega kif qabel l-esperjenza ewkaristika u dik missjunarja li wettqu d-dixxipli ta' Emmaws, għaddew mill-ħtieġa ta' tifsira aħjar tal-Kelma ta' Alla li bidlitilhom il-viżjoni kollha ta' ħajjithom.

*Inti wkoll inkluż fost dawk il-mistednin, jekk tinzerta tkun Għawdex ara jekk tistax tissieħeb ma' ħutek saċerdoti f'xi waħda minn dawn l-attivitajiet. Żgur li tħossok milqugħ waqt li aħna napprezzaw ħafna ż-żjara tiegħek fostna*